**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 337/2011

**tas-7 ta' April 2011**

**dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-żajlenejż u endo-1,3(4)-beta-glukenejż bħala addittiv fl-għalf għat-tajr tal-irziezet, għall-ħnienes miftuma u qżieqeż għas-simna (detentur tal-awtorizzazzjoni ►M1 Danisco (UK) Ltd, li topera taħt l-isem kummerċjali Danisco Animal Nutrition u li hija rrappreżentata minn Genencor International B.V. ◄)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 94, 8.4.2011, p. 19)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/221 tas-6 ta' Frar 2019 | L 35 | 28 | 7.2.2019 |

▼B

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 337/2011**

**tas-7 ta' April 2011**

**dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-żajlenejż u endo-1,3(4)-beta-glukenejż bħala addittiv fl-għalf għat-tajr tal-irziezet, għall-ħnienes miftuma u qżieqeż għas-simna (detentur tal-awtorizzazzjoni ►M1 Danisco (UK) Ltd, li topera taħt l-isem kummerċjali Danisco Animal Nutrition u li hija rrappreżentata minn Genencor International B.V. ◄)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' "addittivi żootekniċi" u parti mill-grupp funzjonali "sustanzi li jsaħħu d-diġestibilità", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | L-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija ta' annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 % | | | |
| **Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: sustanzi li jsaħħu d-diġestibilità.** | | | | | | | | | |
| 4a15 | ►**M1** Danisco (UK) Ltd, li topera taħt l-isem kummerċjali Danisco Animal Nutrition u li hija rappreżentata minn Genencor International B.V. ◄ | Endo-1,4-beta żajlenejż<br>EC 3.2.1.8<br>Endo-1,3(4)-beta-glukenejż<br>EC 3.2.1.6 | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Preparazzjoni (forma solida u likwida) ta' endo-1,4-beta-żajlenejż magħmul mit-*Trichoderma reesei* (ATCC PTA 5588) u endo-1,3(4)-beta-glukenejż magħmul mit-*Trichoderma reesei* (ATCC SD 2106) li għandhom rispettivament attività minima ta' 12 200 U (1)/g u 1 520 U (2)/g<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Endo-1,4-beta-żajlenejż prodott minn *Trichoderma reesei* (ATCC PTA 5588), u endo-1,3(4)-beta-glukenejż prodott minn *Trichoderma reesei* (ATCC SD 2106)<br>*Metodi analitiċi* (3)<br>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva fl-addittiv, fit-taħlitiet lesti u fl-għalf:<br>— metodu kolorimetriku li jkejjel il-kulur li jinħall fl-ilma rilaxxat minn azzjoni ta' endo-1,4-ß-żajlenejż minn sottostrati cross-linked żoroq ta' qamħ u arabinoksilan;<br>— metodu kolorimetriku li jkejjel il-kulur li jinħall fl-ilma rilaxxat minn azzjoni ta' endo-1,3(4)-ß-glukenejż minn kulur mgħaqqad ma' sottostrati cross-linked żoroq ta' ß-gluken tax-xgħir. | Dundjani għassimna u mrobbija għat-tgħammir<br>Tiġieġ tal-bidien | — | endo-1,4-beta-żajlenejż<br>1 220 U<br>endo-1,3(4)-beta-glukenejż<br>152 U | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet ta' qabel, indika t-temperatura għall-ħażna, kemm żmien tista' tinżamm il-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting<br>2. Għall-użu f'għalf li fih ħafna polisakkaridi li mhumiex lamtu (fil-biċċa l-kbira beta-glukeni u arabinoksilani), eż. li fihom aktar minn 30 % qamħ, xgħir, segala u/jew triticale<br>3. Għal raġunijiet ta' sikurezza: għandhom jintlibsu: maskra għall-protezzjoni tan-nifs, nuċċali u ingwanti waqt il-maniġġ.<br>4. Għal ħnienes (miftuma) sa 35 kg | It-28 ta' April 2021 |
| | | | | Tjur oħrajn<br>Ħnienes (miftuma)<br>Qżieqeż tas-simna | | endo-1,4-beta-żajlenejż<br>610 U<br>endo-1,3(4)-beta-glukenejż<br>76 U | | | |

(1) 1 U huwa l-ammont ta' enzima li tillibera 0,48 µmol ta' zokkor ta' riduzzjoni (ekwivalenti ta' żilożju) minn żajlen arabino tal-qamħ fil-minuta b'pH ta' 4.2 u 50 °C.
(2) 1 U huwa l-ammont ta' enzima li tillibera 2,4 µmol ta' zokkor ta' riduzzjoni (ekwivalenti ta' glukosju) minn gluken tax-xgħir fil-minuta b'pH ta' 5,0 u 50 °C.
(3) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fuq is-sit li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-Addittivi fl-Għalf: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives.